**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 88/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1650/1995)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, jisimha D, fil-hamsa u ghoxrin () ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997);

3. Illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, nhar is-sitta (6) ta'

Frar, tas-sena elfejn u tmienja (2008)kopja legali tieghu qeghda tigi hawn annessa u markata Dok B;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Marzu 2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Frar 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.